MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2761/2002/1

**Ignatius Busuttil**

**vs**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Jannar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mitt lira (Lm800) u ntqal illi l-attur huwa s-sid tal-garage li jinsab gewwa 39, Achilles Ferris Street, Msida.

Illi ricentement kien infaqa xi pipe tal-ilma u dahal hafna ilma fil-garage ta’ l-attur.
Illi dan l-ilma kkawza hafna hsara kemm fil-propjeta’ kif ukoll fl-affarijiet li hemm fil-garage.

L-attur ghalhekk qieghed jitlob hlas u likwidazzjoni tad-danni kemm fil-fond u kif ukoll fl-affarijiet li kienu fih.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fil-11 ta’ Dicembru, 2002, li fiha ntqal illi:

1. L-attur jehtieg jindika bi precizjoni l-jum li fih allegatament infaqa’ l-pipe tal-korporazzjoni konvenuta, kif indikat fl-avviz.
2. Illi l-istess korporazzjoni konvenuta tirriserva li taghmel twegiba ulterjuri meta jkollha l-informazzjoni fuq indikata.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, il-korporazzjoni konvenuta dejjem hadet il-passi kollha necessarji sabiex twaqqaf malajr kemm jista’ jkun kwalunkwe hrug ta’ ilma minn xi pipe miskur u sabiex issewwi l-istess ksur.
4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-korporazzjoni konvenuta mhix responsabbli skond il-ligi ghal xi hsara li seta’ garrab l-attur.
5. Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta’ Ignatius Busuttil, Enginier Joe Curmi.
Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Fl-ewwel lok jirrizulta illi l-attur kiteb lill-korporazzjoni konvenuta fl-24 ta’ Novembru, 2000 Dok IB 2, fejn gharrafhom li hu propjetarju ta’ garagre numru 39 Achilles Ferries Street, Msida u li kien hemm l-ilma diehel mill-hajt tal-garage minn kanna tal-korporazzjoni. Kien gharrafhom f’dik l-ittra illi huwa sofra danni.
2. Jidher illi l-attur kien rega’ kiteb lill-istess korporazzjoni fejn gharrafhom illi fis-16 ta’ Settembru,

2002 kien rega' kellu l-fond allagat u ghamlilhom referenza ghar-rapport ta' l-Inginier. Jirrizulta illi fl-4 ta' Ottubru, 2002 l-attur permezz ta' l-avukat tieghu kiteb lill-istess korporazzjoni konvenuta sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni.

3. Mir-rapport esebit Dok IB 3 datat 20 ta' Dicembru, 2000 irrizulta illi: « …… the water service distribution main is embedded in the curb slab and that points it is barely more than a couple of centimetres below the surface and that some points is even completely exposed. As a result of this orthodox method of pipe laying, the main pipe suffers frequent leakages due to fractures. These leakages result to third party properties ».

4. Mill-istess rapport jirrizulta illi kien hemm hafna dhul ta' ilma fil-fond ta' l-attur li kkawza danni f'hafna makkinarju li kellu fl-imsemmi garage. Dana huwa evidenti mir-ritratti li gew esebiti a fol 15 sa 20 tal-process.

5. L-Inginier Joe Curmi li huwa l-Inginier mal-korporazzjoni konvenuta kkonferma li kien hemm il-hsarat li gew rapportati u l-korporazzjoni hadet hsieb issewiha. Dan spjega li l-hsara kienet tikkonsisti f'li jkun mar il-main u jitla' l-ilma f'wicc it-triq. Hu kkonferma li dan kien f'Mejju, Gunju, Lulju tas-sena 2001 u f'Gunju, Lulju tas-sena 2002.

6. Ghalhekk minn din ix-xhieda ma hemmx dubbju illi l-attur kien irrapporta fil-hin lill-korporazzjoni konvenuta liema korporazzjoni, anke jekk hadet passi biex tipprova tirrimedja, ma haditx passi sufficjenti sabiex il-problema ma tirrikorrix. Ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma illi ghal hsarat illi garrab l-attur ghandha tigi responsabbli s-socjeta' konvenuta.

7. Dwar il-quantum tal-hsarat jirrizulta li kien hemm is-segwenti:

a. Dehumidifier…..Lm130.00
b. drill tal-marka Metabo ….. Lm88.85
c. grinder …… Lm99.90
d. racing seat ta' karozza ….. Lm85.00
e. masking tape …… Lm10
f. sand paper …….Lm3.50
g. car covers ………Lm39

Dawna b'kollox igibu s-somma ta' erba mija sitta u hamsin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm456.25) li flimkien

mal-hsara fil-bini li l-attur ighid li kienet taht it-tlett mija u tmenin lira (Lm380) igibu b'kollox is-somma ta' tmien mija sitta u tletin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm836.25), pero' t-Tribunal l-ammont ta' danni reklamati limitat fl-ammont tas-somma mitluba.

Ghaldaqstant peress illi ghad-danni li graw fil-fond ta' l-attur kien unikament responsabbli l-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira (Lm800).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-korporazzjoni konvenuta."

Appellat minn din is-sentenza l-Korporazzjoni konvenuta. L-aggravju taghha mhux dirett la kontra l-addebitu tal-htija u lanqas fil-konfront tal-likwidazzjoni tad-danni. L-ilment taghha hu kollu kemm hu cirkoskritt ghal kontenzjoni illi l-attur naqas li jindika bi precizjoni l-jum li fih allega li nfaqa' l-*pipe* tal-Korporazzjoni u ssubixxa d-dannu. Konsegwentement, ghaddiet biex f' din is-sede issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Jigi mill-ewwel osservat illi l-aggravju kollu tal-Korporazzjoni appellanti jibbaza ruhu fuq "opinjonijiet" u "l-fehma" ta' l-istess appellanti. Hekk per ezempju l-Korporazzjoni tadduci b' ragonament mill-apprezzament taghha ta' l-ittra ta' l-attur datata 24 ta' Novembru 2000 (fol. 10) illi bejn it-telefonata, li l-attur jghid li ghamel u li jsemmi f' din l-ittra, u l-istess ittra "huwa jhalli certu zmien jghaddi sabiex, imbaghad, wara li jara xi hsarat kellu, jinforma lill-Korporazzjoni bil-miktub." *Ergo*, u *quod erat demonstrandum* ghall-Korporazzjoni appellanti l-hsara bil-fors saret qabel l-ittra precitata illi l-attur baghat lill-Korporazzjoni; sahansitra, qabel l-istess telefonata;

Issa, kif pacifikament maghruf, tribunal b' funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b' ebda logika u sens ta' gustizzja,

jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew is-semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi. Anzi l-esigenza logika, hekk posta mill-Korporazzjoni appellanti bhala l-fondament ta' l-istess "fehmiet" taghha, titlob, b' distribuzzjoni ta' certi principji, illi mentri jinkombi fuq l-attur il-piz tal-prova in sostenn tad-dritt azzjonat minnu (*actor incumbit probatio*) hekk ukoll jinkombi fuq il-konvenut li jsostni l-eccezzjoni sollevata biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-avversarju (*reus in excipiendo fit actor*);

Ifisser allura illi jekk parti f' kawza ma jkunx inqeda sew bl-ghodod procedurali ghad-disposizzjoni tieghu, senjatament u adegwatament il-mezz tal-kontro-ezami, ma ghandux imbaghad jigi pretiz illi r-ragonament jew il-gudizzju jissodisfa ruhu mhux fuq il-principju ta' l-akkwizizzjoni tal-provi mir-rizultanzi processwali izda fuq ir-regola ta' meri supposizzjonijiet zvinkolata mill-provi in atti. Dan ma jista' qatt ikun accettabbli. Kif lanqas, b' konsegwenza, ma jista' qatt ikun accettat illi in bazi ghal dawn l-istess supposizzjonijiet jew kongetturi wiehed jista' jippretendi illi jista', b' success, jissolleva b' eccezzjoni l-perenzjoni jew il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni. Dan ghaliex biex tali eccezzjoni tkun kapaci ta' akkoljiment jiehtieg li jkollha rabta konkreta u serja mal-provi akkwiziti;

Dan premess, ma hemmx dubbju illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata anke fl-istadju ta' l-appell. Ara Artikolu 2112, Kodici Civili. F' dan il-kaz il-Korporazzjoni konvenuta, dejjem fuq l-assunt taghha, issostni illi l-azzjoni *de qua* tendenti ghar-rizarciment tal-hsarat tinsab preskritta bl-eghluq ta' sentejn (Artikolu 2153, Kodici Civili);

Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju li jiddefinixxi liema terminu preskrittiv kien japplika ghall-fatti in kawza. (Ara "**Jeremy Holland *nomine* -vs- Joseph Chetcuti**", Appell, 25 ta' Frar,

2000.)  Fatti li jridu jirrizultaw mill-atti u mhux minn dawk li kellhom jew setghu ngiebu u baqghu ma tressqux;

Essenzjalment, il-kwestjoni hi wahda ta' fatt li tiddependi mill-apprezzament tal-provi.  Apprezzament dan li jehtieg li jsir minn din il-Qorti gjaladarba l-eccezzjoni giet sollevata f' dan l-istadju u mhux ukoll quddiem it-Tribunal adit;

L-ittra ta' l-24 ta' Novembru 2000 (fol. 10) mibghuta mill-attur lill-Korporazzjoni tispecifika zewg affarijiet importanti; (i) il-fatt tad-dhul ta' ilma fil-*garage* minn *pipe* tal-Korporazzjoni, u (ii) il-fatt li b' rizultat ta' dan l-attur sofra hsarat.  Jissemma wkoll li "*this is the second time*."  Dan, pero`, fil-hsieb ta' din il-Qorti mhux necessarjament ifisser li l-ewwel okkazjoni kienet sehhet f' jum antecedenti ghas-sentejn tal-preskrizzjoni jew li f' dik l-okkazjoni l-attur sofra hsarat.  In mankanza ta' prova sodisfacenti xort' ohra, il-Qorti allura jkollha tiehu bhala punt ta' partenza ghall-iskop tal-kalkolu taz-zmien il-jum ta' l-24 ta' Novembru 2000 indikat fl-ittra bhala l-jum li fih presumibilment sehh id-dannu.  Tenut qies ta' din il-prova certa l-Qorti thossha sodisfatta li t-terminu ta' sentejn preskrittiv ta' l-azzjoni ma kienx ghadu ddekorra fil-mument meta giet intavolata l-kawza prezenti (20 ta' Novembru 2002);

Huwa principju maghurf f' materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf.  Ghall-attur dan il-mument kien l-24 ta' Novembru 2000 u l-Qorti ma tistax tigbed kongetturi illi dan seta' kien f' xi data anterjuri u bil-fors 'l hinn mis-sentejn li ssemmi l-ligi fl-artikolu specifiku.  Ghal kull buon fini l-Qorti tqis li hi proprju l-imsemmija data (24 ta' Novembru 2000) li fiha twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina (ara **Laurent** "Principii di Diritto Civile", Vol. XXXII  para 16), u li jrid bhala bidu ta' tluq taz-zmien preskrittiv l-Artikolu 2137, Kodici Civili.  Ara b' ezemplari

ta' dan il-principju decizjonijiet a **Vol. XXVIII P I p 726; Vol. XXIX P II p 103; Vol. XXXVI P II p 509** u **Vol. XXXVII P I p 622**, fost bosta ohrajn;

Kif gja rilevat il-Korporazzjoni ma adduciet l-ebda aggravju dwar ir-responsabilita` civili taghha ghad-danni karatterizzata minn dik il-kolpa f' min hu affidat minn certi servizzi pubblici. Kolpa din determinata minn ommissjoni serja ta' min naqas milli jippresta manutenzjoni jew riparazzjoni xierqa ghall-ahjar tutela tad-dritt ta' l-attur; tant li dawn il-hsarat fil-*pipe* issoktaw isiru kull tant zmien. Ara xhieda ta' l-Inginjier Joe Curmi, fol. 37. Lanqas ukoll ma gie sottomess aggravju riferibilment ghall-kwantum tad-dannu. Il-Qorti ghalhekk, skartata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ikollha tikkonferma l-gudizzju tat-Tribunal fir-rigward kemm tal-htija kif ukoll tal-likwidazzjoni tad-danni.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Korporazzjoni konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------